32006R0351

1.3.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 59/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 351/2006

tas-27 ta' Frar 2006

li jistabbilixxi koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Lulju 2005 għall-pagi ta' l-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti bil-kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu fil-pajjiżi terzi u ta' ċerti uffiċjali li baqgħu fil-kariga fl-għaxar Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-iskema applikabbli għall-aġenti l-oħra ta' dawn il-Komunitajiet, stipulati bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13, l-ewwel inċiz, ta' l-Anness X tiegħu,

Wara li kkunsidra l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

---

[1] ĠU L 56, ta' l-1.04.03.1968, p. 1. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 31/2005 (ĠU L 8, 12.1.2005, p.1).

Billi:

(1) Jeħtieġ li jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' l-għoli tal-ħajja fil-pajjiżi barra l-Komunità u li jiġu stipulati għaldaqstant il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli, b'effett mill-1 ta' Lulju 2005 għall-pagi mħallsa, fil-munita tal-pajjiż ta' xogħol tagħhom, lill-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti bil-kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu fil-pajjiżi terzi kif ukoll parti mill-uffiċjali li baqgħu fil-kariga fl-għaxar Stati Membri l-ġodda waqt perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar li jibda mill-1 ta' Mejju 2004.

(2) Il-koeffiċjenti korrettivi li kienu suġġetti għal ħlas fuq il-bażi tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 257/2005[2] jistgħu jwasslu għal aġġustamenti pożittivi jew negattivi għall-pagi b'effett retroattiv.

(3) Għandha ssir dispożizzjoni sabiex isiru ħlasijiet b'lura fil-każ ta' żieda tal-pagi minħabba l-koeffiċjenti korrettivi l-ġodda.

(4) Għandha ssir dispożizzjoni għall-irkupru ta' somom imħallsa żejda fil-kaz tat-tnaqqis tal-pagi minħabba l-koeffiċjenti korrettivi l-ġodda, għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2005 u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

---

[2] ĠU L 46, 17.02.2005, p. 1

(5) Għandha ssir dispożizzjoni sabiex kwalunkwe rkupru bħal dan ikun ristrett għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u sabiex l-effetti tiegħu jiġu mifruxa fuq perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar wara dik id-data, kif inhuwa l-każ għall-koeffiċjenti korrettivi applikabbli fi ħdan il-Komunità għall-pagi u pensjonijiet ta' l-uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2005, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għall-pagi ta' l-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti bil-kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu fil-pajjiżi terzi u għal ċerti uffiċjali li baqgħu fil-kariga fl-għaxar Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar li beda mill-1 ta' Mejju 2004, imħallsa fil-munita tal-pajjiż ta' l-impjieg, huma stipulati fl-Anness.

Ir-rati ta' kambju użati għall-kalkolu ta' dawn il-pagi huma stabbiliti skond il-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu għad-data msemmija fl-ewwel inċiż.

Artikolu 2

1. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħlas b'lura fil-każ ta' żieda tal-pagi minħabba l-koeffiċjenti korrettivi stipulati fl-Anness.

2. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-aġġustamenti retroattivi negattivi tal-pagi f'kaz ta' tnaqqis tal-pagi minħabba l-koeffiċjenti korrettivi stabbiliti fl-Anness għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2005 u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-aġġustamenti retroattivi li jinvolvu ħlas lura għall-ħlas żejjed għandhom ikunu limitati għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-irkupru għandu jkun mifrux fuq perjodu ta' mhux aktar minn tnax il-xahar mill-istess data.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill
Il-President

U. PLASSNIK

ANNESS

	POST TA' XOGĦOL	Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2005
(***)	L-Alfganistan	0
	L-Afrika t' Isfel	66,6
	L-Albanija	86,2
	L-Algerija	89,3
	L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	69,9
	L-Angola	126,5
	L-Arabja Sawdita	86,4
	L-Arġentina	63,3
	L-Armenja	104,9
	L-Awstralja	105,3
	Il-Bangladexx	53,3
	Il-Barbados	127,4
	Il-Benin	92,8
	Il-Bolivja	52,2
	Il-Bosnija u Herżegovina	73,4
	Il-Botswana	62,8
	Il-Brażil	76,8
	Il-Bulgarija	73,9
	Il-Burkina Faso	87,7
(***)	Il-Burundi	0
	Il-Kambodja	67,6
	Il-Kamerun	101,3
	Il-Kanada	84,6
	IL-Kap Verde	74,2
	Iċ-Ċili	79,4
	Iċ-Ċina	78,5
	Ċipru	101,3
	Ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża	91,3
	Il-Kolumbja	71,3
	Il-Kongo	129,8
	Il-Korea ta' Isfel	108,2
	IL-Kosta Rika	72,4
	Il-Kosta ta' l-Avorju	111,2
	Il-Kroazja	101,8
	Kuba	93
	Il-Ġibuti	101,1
	L-Eġittu	56,9
	El Salvador	81,7
	L-Ekwador	70,5
	L-Eritrea	51
	L-Estonja	77,7
	L-Istati Uniti (New York)	106,8
	L-Istati Uniti (Washington)	103,7

	POST TA' XOGĦOL	Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2005
	L-Etjopja	81,1
	Il-Gabon	116,1
	Il-Gambja	51,1
	Georġia	96,1
	Il-Gana	79,4
	Il-Gwatemala	84,9
	Il-Ginea	59,8
	Il-Ginea (Bissau)	139,2
	Il-Gujana	60,6
	Il-Ħaïti	100,8
	Il-Ħonduras	75,9
	Hong Kong	87,6
	L-Ungerija	78,1
	Il-Gżejjer Fiġi	78,4
	Il-Gżejjer Solomon	85,4
	L-Indja	51,6
	L-Indonesja	78,7
	L-Iżrael	91,5
	Il-Ġamajka	91,5
	Il-Ġappun (Naka)	125,6
	Il-Ġappun (Tokyo)	132,9
	Il-Ġordan	76
	Il-Każakstan	112,8
	Il-Kenja	88,2
	Il-Kirgiztan	84,6
	Il-Laos	74,7
	Il-Lesoto	74,3
	Il-Latvja	71,2
	Il-Lebanon	105,7
(***)	Il-Liberja	0
	Il-Litwanja	73,8
	Il-Madagaskar	71,9
	Il-Malasja	73,9
	Il-Malawi	76,4
	Il-Mali	98,8
	Malta	97,9
	Il-Marokk	86,1
	Il-Mawrizju	75
	Il-Mawritanja	71,7
	Il-Messiku	77,9
(***)	Il-Moldova	0
	Il-Możambik	72,7
	In-Namibja	79,5
	In-Nepal	72,7
	In-Nikaragwa	67,5

	POST TA' XOGĦOL	Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2005
	In-Niġer	91,8
	In-Niġerja	86,1
	In-Norveġja	132,5
	Il-Kaledonja l-ġdida	120,4
	New Zealand	106,7
	L-Uganda	75,6
	Il-Pakistan	52,9
	Il-Papwa-Ginea Ġdida	77,3
	Il-Paragwaj	66
	Il-Perù	86,5
	Il-Filippini	51,4
	Il-Polonja	78
	Ir-Repubblika Ċentrali Afrikana	117,6
	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	138,6
	Ir-Repubblika Dominikana	84,8
	Ir-Repubblika Ċeka	82,1
	Ir-Rumanija	56,4
	Ir-Russja	110
	Ir-Rwanda	87,7
	Is-Senegal	78,2
	Is-Serbja u l-Montenegro	61,7
	Is-Sierra Leone	72
	Singapor	97,6
	Is-Slovakkja	87,4
	Is-Slovenja	76,4
(***)	Is-Somalja	0
	Is-Sudan	43,4
	Is-Sri Lanka	60,8
	L-Iżvizzera	118,7
	Is-Surinam	54,7
	Is-Sważiland	69,7
	Is-Sirja	67,5
	It-Taġikistan	73
	It-Tajwan	96,2
	It-Tanżanija	61,7
	Iċ-Ċad	130,6
	It-Tajlandja	61,8
	It-Togo	95
	It-Trinidad u Tobago	73,8
	It-Tuniżija	72,6
	It-Turkija	93,2
	L-Ukraina	101,1
	L-Urugwaj	74,8
	Il-Vanwatu	124,1
	Il-Venezwela	59,9

POST TA' XOGĦOL	Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2005
Il-Vjetnam	52,7
Il-Jemen	75,8
Iż-Żambja	55,9
Iż-Żimbabwe	62,7

(***) Mhux disponibbli